# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Saviour Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 273/21**

**Illum, ghoxrin (20) ta' Frar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Saviour Agius detentur tal-karta tal-identità numru 203278M akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-wiehed u tletin (31) ta' Marzu elfejn wiehed u ghoxrin (2021) gewwa Triq Guzè Ellul, Pietà, Malta u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Saifeddine Oueslati u/jew persuni ohra, liema serq hu kwalifikat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u *bil-valur* li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

2. Akkuzat ukoll talli fix-xahar ta' April elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) gewwa l-gzejjer Maltin, xjentement laqa ghandhu jew xtara diversi hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahhal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' Saviour Agius bhala persuna recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Saviour Agius, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Frar elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioè:-

- Fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15A, 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputat Saviour Agius, hu ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha;

## IKKUNSIDRAT

Illi mix-xhieda ta' **Stephen Cachia** li hu rapprezentant tat-Transport Malta rrizulta illi vettura KBN 279 Volkswagen Passa ta' kulur griz hija registrata fuq Michael Agius (ID 275369M). Vettura IBI 151 li hi Citroen Ling hija registrata f'isem Saifeddine Oueslati (ID 104995A).

**PS846 Matthew Parnis** min-naha tieghu xehed illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn mar rega' l-ghassa l-kwerelant wara r-rapport ta' serq li kien ghamel fl-ewwel (1) ta' April, fejn informa illi habib tieghu kien infurmah illi xi hadd ipprova jbighlu l-ghodda li x'aktarx kienu nsterqu minghandu u li din il-persuna kienet qed taghmel uzu minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBN 279 li ta' spiss tkun ipparkjata fi Triq Nazzarenu, Hamrun u gewwa garaxx li kellu bieb ahdar. Jghid illi meta mar fuq il-post sab lill-imputat Saviour Agius jahsel din il-vettura li kienet tal-marka Volkswagen Passa u ra li fil-garaxx kien hemm xi ghodda. Sussegwentement meta gab xi ritratti li kien tah il-kwerelant tal-ghodda tieghu x-xhud ftakar li kien ra kaxxa

simili ta' dik li kien ra fil-garaxx tal-imputat. Din kienet kaxxa sewda bil-manku orangjo u li kien imdawwar b'tejp iswed. Jghid illi l-pulizija pprocedew biex arrestaw lill-imputat u elevaw l-ghodda kollha li nstabu fil-garaxx fejn fost xi affarijiet il-kwerelant kien gharaf lil din il-kaxxa sewda bhala dik li kienet insterqitlu bil-kontenut taghha (Dok. MP1). Jghid illi l-kwerelant kellu ritratt ta' kull bicca ghodda li kellu peress li precedentement kien insteraq diversi drabi u ghalhekk hadha prassi li jiehu ritratti biex ikollu prova. Ix-xhud ipprezenta wkoll rapport tal-PIRS (Dok. MP2) li juri l-affarijiet kollha li l-kwerelant irrapporta li gew insterqulu u cioè *tool box, cordless jigger (Ditta Hitachi), Jigger Wire (Ditta Hitachi), Cordless (Ditta Hitachi), Ladders (x2), Vacuum Pump.*

Xehed ukoll il-parte civile <u>**Saifeddine Oueslati**</u> li kkonferma li s-serqa saret fl-ewwel (1) ta' April elfejn wiehed u ghoxrin (2021) fejn insterqu ghodda mill-vann tieghu. Ikkonferma wkoll illi siehbu li jahdmu flimkien kien mar qallu fuq il-persuna li pprova jbighlu l-ghodda. Ikkonferma li l-kaxxa kontenenti ghodod u mmarkata bhala Dok. MP1 kienet wahda mill-affarijiet misruqa. Jghid illi l-ghodda kienu jiswew mill-inqas tlett elef u hames mitt ewro (€3,500). Ikkonferma li l-vann li minnu nsterqu l-ghodod ghandu

registrazzjoni IBI 151 Citroen Berlingo u l-vettura li kien biha l-malvivent kienet Volkswagen Passat peress li kienet tidher minn fuq filmat li kien gabar mill-kamera tas-sigurtà tad-dar tieghu u liema pprezenta USB tal-istess (Dok. SO1).

Meta gie riprodott il-kwerelant ipprezenta dokument li jinsab a folio 127 *et seq* fejn juri l-ghodda kollha li nsterqulu u dawk li nstabu fil-garaxx tal-imputat. Dawk l-ghodod li ma stabux huma mmarkati b'cirku.

L-Ispettur Roderick Attard ipprezenta sett ta' sentenzi kontra l-imputat ai fini tal-addebitu tar-recidiva li dawn gew immarkati bhala Dok. RA7, RA8, RA9.

Rat li giet ipprezentata sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Charmaine Galea kontra Saviour (Francis Xavier) Agius (ID 0203278M) li biha gie kkundannat fost l-ohrajn fuq ir-recidiva u gie rrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest moghti f'dawn il-proceduri bil-konfiska s-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500).

Benjamina Mifsud bhala rapprezentanta tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali kkonfermat li ma hemm l-ebda appell pendenti kontra l-imputat u li l-multa li kellu minn sentenza ta' elf, mija u tnejn u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,132.96c) giet imhallsa in parte u li kien ghad fadal bilanc ta' disa' mitt ewro (€900).

L-espert imqabbad minn din il-Qorti u cioè Dr. Martin Bajada pprezenta rapport tieghu bi *stills* li kien estratta minn USB li kien ipprezenta l-kwerelant u li kien gie mmarkat bhala Dok. SO1.

Michael Agius li jigi hu l-imputat ikkonferma illi kien biegh vettura Volkswagen Passat lill-imputat izda li kien halliha fuq ismu.

Finalment semghet l-ufficjal tal-Probation Annabel Bugeja li fuq talba tad-difiza giet nominata sabiex issegwi lill-imputat fuq *Social Enquiry Report* fejn ikkonfermat illi l-imputat kien ilu bil-vizzju tad-droga minn mindu kien zghir u tghid illi ghalkemm qatt ma gie djanjositkat hemm suspett li l-imputat ibati mill-kundizzjoni tal-ADHD. Hija tghid ukoll testwalment illi *«Anke' ohtu giet intervistata f'dan ir-rapport. Pero' kollha kemm huma*

*ikkonkludew, igifieri kemm is-siehba tieghu, ohtu, kif ukoll Saviour stess, ikkonkludew illi l-programm residenzjali huwa verament bzonnjuz izda irid ikun tassattiv u parti mis-sentenza karcerarja, il-ghaliex hu mhux b'sahhtu bizzejjed li jaghmlu minn barra. U ghaldaqstant dan huwa l-pjan ta' kura, illi jindirizza l-problema tad-droga f'ambjent ikkontrollat».*

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem*

*iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda,*

*tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

> *"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi l-imputat Saviour Agius huwa akkuzat bir-reati ta' serq u ricettazzjoni fil-kaz li r-reat ta' serq ma jigix ippruvat. Illi a rigward tar-reat ta' serq jinghad illi l-grad ta' prova rikjest mil-ligi kriminali ma giex milhuq u l-anqas ir-regola tal-prova cirkostanzjali. Dan ghaliex mill-provi prodotti ma giex ippruvat oltre' d-dubju dettat mil-ligi li l-imputat Saviour Agius verament wettaq ir-reat ta' serq li huwa addebitat bih.

Fl-ewwel lok prova li setghet tkun wahda importanti dik tal-filmat ma gietx prodotta skont il-kriterji stabbiliti mil-ligi kriminali l-anqas inkwantu tar-regola tac-*chain of evidence*. Dan ghaliex dan il-filmat gie estratt mill-parte civile stess u pprezentat fil-proceduri permezz ta' xhieda tieghu izda sussegwentement ma giex mitlub l-ebda espert biex jestratta hu stess dan il-filmat mill-apparat tas-sigurtà appartenenti lill-istess parte civile. Ghalkemm sussegwentement gie mitlub sabiex jigi nominat espert tal-informatika izda dan sar biss biex johrog stills minn dak il-filmat li kien estratta l-parte civile li certament ma jistax jigi ritenut bhala espert. Di piu' anke li kieku din il-Qorti tirritjeni dawn l-istills bhala prova tajba xorta wahda ma jidhirx l-imputat jew xi vettura tieghu. Finalment l-anqas ma kien hemm xi xhud okulari li

ra d-delitt isehh ghaliex l-uniku xhud li ttellghet il-prosekuzzjoni kien il-habib tal-parte civile li dan seta' jidentifika lill-imputat bhala dak li pprova jbighlu dawn l-oggetti fejn huwa gharaf xi affarijiet appartenenti lill-parte civile. Ghaldaqstant ir-reat ta' serq certament ma giex ippruvat.

A rigward ir-reat ta' ricettazzjoni jinghad illi l-unika haga certa f'dawn il-proceduri hu li l-imputat gie misjub mill-pulizija fil-pussess ta' certi oggetti li wara gew identifikati mill-parte civile bhala li jappartjenu lilu f'parti minnhom.

Illi d-definizzjoni legali tar-reat ta' ricettazzjoni tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 334 li jghid hekk:

> *"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati -*

*(a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-haga;*

*(b) jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*

*(c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja:".*

Illi l-principji tar-reat ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Debono** deciza fil-15 ta' Jannar 2009 intqal is-segwenti:

*"... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*

*1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*

Illi l-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi ndizjarji. L-istess fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. John Briguglio** deciza fl-24 ta' Gunju 1961 (per Harding J.) kien gie ritenut li:-

> *"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie wkoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina jkun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun ircieva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella jmissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu u b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. J. Briguglio** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. John Dimech** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. George Tabone** [24.6.1961] u **Il-Pulizija vs. Tancred Borg** [26.10.1998]).

In linja ma' kif jghid l-awturi **Kenny**:

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

Illi l-awtur Ingliz **Archbold** fil-ktieb **Criminal Pleading, Evidence and Practice**, (1997, paras. 21-125, 21-126) qal hekk:-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have*

*been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*Every case depends on its own facts. ....It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen,*

*the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."*

Illi f'dawn il-proceduri hargu certi fatti cirkostanzjali illi jipprezumu illi l-akkuzat seta' facilment kien jaf bil-provenjenza suspettuza ta' dawn l-oggetti. Primarjament ghaliex huwa inverosimili li xi hadd ibigh b'mod lecitu ghodod li kienu digà uzati ghaliex tali oggetti jintuzaw dejjem u huma bzonnjuzi dejjem. Illi fit-tieni lok l-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni l-ghaliex hu kien instab fil-pussess ta' dawk l-oggetti anzi baqa' sieket kif kellu kull dritt li jaghmel u jiccita d-dritt tieghu li ma jinkriminax ruhu. Li kieku kellu spjegazzjoni valida u ma kellux x'jahbi kien jghid minn fejn kien gabhom dawk l-oggetti. Fit-tielet lok hareg anke mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation li l-imputat ghandu problema akuta ta' droga u ghalhekk huwa jkollu bzonn li jkollu *cash flow* tajba sabiex ikun jista' jmantni l-vizzju tieghu. Fl-ahhar lok il-fedina penali tal-imputat hija wahda kkulurita hafna u

kemm-il darba kien gie kkundannat ghar-reati ta' serq u ohrajn konnessi mad-droga.

Illi a rigward l-ammont minn dokument ipprezentat mill-parte civile fix-xhieda tieghu tas-sbatax (17) ta' Settembru 2021 jirrizulta dawk l-ghodod li nstabu ghand l-akkuzat u li kienu tal-istess parte civile. Dawn jirrizulta li jammontaw ghas-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€247.21). Dawn il-valuri ttiehdu mil-lista esebita mill-parte civile.

A rigward tal-addebitu tar-recidiva din giet ippruvata permezz ta' sentenzi esebiti fl-atti Dok RA7, Dok RA8 u Dok RA9 liema saret il-prova ta' sentenza Dok RA7 li hija sentenza definittiva u ma kienx hemm appell taghha u li kien ghad fadal bilanc fuq il-multa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31(1)(b), 49, 50, 289, 334(a) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Saviour Agius** hati biss tat-tieni (2) akkuza kif dedotta kontrih u tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghal piena ta' ghaxar (10)

xhur prigunerija filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament a bazi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn (2) liema Ordni ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**